# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Lulju, 2023**

**Numru 4**

**Rikors Numru 859/2012 TA**

**L-Avukat Mark Refalo għan-nom u in rappreżentanza ta' Bruno Lago [Numru tal-Passaport Taljan AA2951054]**

**Vs**

**European Insurance Group Ltd [C35708]**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Avukat Dr. Mark Refalo għan-nom u in rappresentanza ta' Bruno Lago (L-Attur) tat-28 ta' Awwissu 2012 li permezz tiegħu ppremetta u eċċepixxa s-segwenti:

1. "Premess illi l-esponenti kien impjegat mas-soċjeta intimata European Insurance Group Limited bħala Chairman u Direttur u dana s' Awissu 2010;

2. U Billi bħala Direttur fil-kumpanija intimata l-esponenti kien jirċievi paga ta' tletin elf euro fis-sena net skond skrittura datata l-1 ta' Jannar 2010, u kif jirriżulta mid-dokumenti tal-FS3 hawn annessi bħala dokument "A";

3. U Billi wara li l-Bord ta' Diretturi kienu rrisenjaw is-soċjeta intimata żammet is-servizzi ta' l-esponenti li pprovda s-servizzi tiegħu bħala Managing Director għal xahrejn sakemm ġie maħtur amministratur għall-kumpanija intimata;

4. U Billi l-esponenti ma tħallasx l-ammonti lilu dovuti għall-impjieg u servizzi reżi minnu dovuti minn Gunju 2010, u għalhekk huwa kreditur tas-soċjeta intimata fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf sebgħa mija erbgħa u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€26,774.21) konsistenti fis-segwenti:

a. Inkwantu għall-ammont ta' ħdax-il elf, mitejn u ħmistax-il Ewro (€11,215) dan huwa dovut lir-rikorrent bħala paga għal tlett xhur minn Gunju sa Awissu 2010, meta kien jokkupa l-karigu ta' Chairman u Direttur ta' l-imsemmija soċjeta;

b. Inkwantu għall-ammont ta' erbatax-il elf, disa' mija u erbgħa u ħamsin Ewro (€14,954) dan huwa dovut lir-rikorrent għas-servizzi minnu reżi bħala Managing Director ta' l-imsemmija soċjeta għal xahrejn minn Settembru sa Ottubru 2010;

c. Inkwantu għall-ammont ta' sitt mija u ħames Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€605.21) dan huwa dovut lir-rikorrent mis-soċjeta intimata għal spejjeż minnu inkorsi fl-interessi ta' l-imsemmija soċjeta bejn il- perjodu minn Gunju sa Ottubru 2010, liema spejjeż huma dovuti at tenur tad-deċiżjoni tal-membri tal-kumpanija tat-13 ta' Mejju 2010;

5. U Billi l-ammont hawn fuq imsemmi huwa ċert, likwidu u dovut bl-imgħaxx skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv;

6. U Billi għalkemm debitament interpellata sabiex tħallas l-ammont dovut, is-soċjeta intimata baqgħet inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il- kawża.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:

1. Tikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas l-ammont ta' sitta u għoxrin elf seba' mija erbgħa u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€26,774.21) flimkien ma' l-imgħax legali skond il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv;

Bl-ispejjeż inkluż ta' l-ittra uffiċjali numru 1678/2012 u l-inġunzjoni in subizzjoni tal-intimati, b'riserva għal kull ammont ieħor li talvolta tista' tkun dovuta".

Rat ir-risposta ta' Brian Tonna ġja' likwidatur tas-Soċjeta' European Insurance Group Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tal-15 ta' Ottubru 2012 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

**“DIFIZA**

**1.** “It-talba għal kundanna ta' ħlas fir-rikors ġuramentat hija intempestiva in kwantu qed issir fi żmien il-proċess ta' l-istralċ tas-soċjeta' intimata.

**2.** Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni hawn fuq imsemmija, is-soċjeta' intimata għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex l-attur ma talabx u sussegwentement ottjena l-permess ta' din l-Onorabbli Qorti biex jistitwixxi din l- azzjoni kif jirrikjedi l-artikolu 224(2) tal-Kap 386, liema artikolu japplika għall-EIG *mutatis mutandis bis-saħħa tar-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings) li jipprovdi li: Without prejudice to the provisions of articles 28, 41 and 42 of the Act, a Maltese insurance undertaking shall dissolve and consequentially wind up, under and in accordance with the Companies Act.*

**3.** Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur Bruno Lago kien direttur ta' l-EIG mill-April 2009 sa' Awwissu ta' l-2010 (kopji tal-Form Ks hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok.EIG1', u 'Dok.EIG2' li permezz tagħhom skond kif meħtieġ ai termini tal-Kap.386, ir-Reġistratur tal-Kumpanniji ġie nnotifikat bir-riżenja tad-diretturi, fosthom Bruno Lago) u l-EIG saret insolventi taħt il-ġestjoni tiegħu u tad-diretturi l-oħra, u dan b'riżultat ta' atti u ommissjonijiet tiegħu u ta' oħrajn. Bruno Lago m'għandux jitħallas dak li qed jippretendi u l-EIG tirriserva d-dritt li tmexxi kontriħ fir-rigward ta' l-atti u l-ommissjonijiet tiegħu.

**4.** Għaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talba ta' l-attur għandha tiġi miċħuda.

**5.** Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

**6.** Bl-ispejjeż.

**FATTI**

**1.** Fl-ewwel lok jingħad illi:

**a)** B'effett mid-29 ta' Settembru 2011 Brian Tonna ġie appuntat bħala stralċjarju għall-fini tal-likwidazzjoni ta' l-affarijiet tas-soċjeta' rikorrenti mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") al termini ta' l- artikolu 28(1)(f) ta' l-Att Dwar Il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Kap.403 tal- Liġijiet ta' Malta) (kopja ta' l-ittra tal-ħatra ta' l-istralċjarju hija hawn annessa u mmarkata 'Dok EIG3').

**b)** Bejn is-6 ta' Awwissu 2010 u d-data tal-ħatra ta' - Istralċjarju, Deloitte, ta' Deloitte Place, Mrieħel Bypass, Mrieħel BKR3000, Malta, kienet inħatret

mill-MFSA biex tieħu f'idejha l-attiv u l-kontroll tal-kummerċ ta' l-EIG ai termini ta' l-artikoli 28(1)(c) u 28(1)(d) ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (kopja ta' l-ittra tal-ħatra ta' l-amministratur hija hawn annessa u mmarkata 'Dok.EIG4").

**c)** L-EIG ippubblikat avviż dwar l-istat ta' l-insolvenza tagħha fi tlett gazzetti ġurnalieri, magħdud fit-Times of Malta fil-21 ta' Settembru 2012, fin-Nazzjon fis-26 ta' Settembru 2012 u fl-Orizzont fit-2 ta' Ottubru 2012, kif wkoll fuq is-sit tagħha (kopji ta' dawn l-avviżi huma hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok.EIGS', 'Dok.EIG6', 'Dok.EIG7", u 'Dok.EIG8").

**2.** Fir-rigward tal-fatti kif esposti fir-rikors ġuramentat jingħad is-segwenti.

**3.** Fir-rigward ta' l-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat, l-esponenti jikkonferma li b'effett mit-30 ta' April 2009 Bruno Lago kien appuntat direttur u Chairman ta' l-EIG u li rriżenja minn dawn l-inkargi b'effett miss-6 ta' Awwissu 2010 ('Dok.EIG1' u 'Dok.EIG2'). Iżda l-esponenti ma jistgħax jikkonferma jekk Bruno Lago kienx impjegat ta' l-EIG bħala direttur u Chairman.

**4.** Fir-rigward tat-tieni paragrafu, l-esponenti ma jistgħax jikkonferma x'kienet il- paga fis-sena ta' Bruno Lago, Fit-tieni lok, fir-rikors ġuramentat issir referenza għal skrittura datata 1 ta' Jannar 2010 iżda dan mhuwiex wieħed mid- dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

**5.** Fir-rigward tat-tielet paragrafu, l-esponenti jikkonferma li l-amministratur tal-kumpannija kien maħtur b'effett mis-6 ta' Awwissu 2010, id-data tar-riżenja ta' Bruno Lago (li rriżenja flimkien mad-diretturi l-oħra ta' l-EIG). M'huwiex ċar għalhekk għal xiex qiegħed jirreferi l-attur (fil-paragrafu 3) meta jgħid li wara li - membri tal-Bord ta' Diretturi kienu rriżenjaw, l-EIG żammet is-servizzi ta' Bruno Lago għal xahrejn sakemm ġie maħtur amministratur għal EIG. Qabel ir-riżenja tal-Bord (b'effett mid-data tal-ħatra ta' l-amministratur), kien biss Enzo Resciniti li ġie mneħħi bħala direttur ta' l-EIG, u dan b'effett mill-10 ta' Gunju 2010 (kopja tal-Form K annessa u mmarkata bħala 'Dok.EIG9')

**6.** Fir-rigward tar-raba' u l-ħames paragrafi, l-esponenti mhuwiex edott bil-fatti in kwistjoni u konsegwentement ma jistax jikkonferma jekk, qabel il-ħatra ta' l- Amministratur qatt ittieħdet xi deċiżjoni dwar ammonti dovuti lill-attur. L-attur ma jissostanzjax l-pretensjonijiet tiegħu bi prova li l-ammonti huma fil-fatt dovuti lilu. Fi kwalunkwe każ, is-soċjeta' intimata m'hi se taffetwa l-ebda ħlas lill-attur sakemm mhux b'ordni ta' din l-Onorabbli Qorti fil-każ li dan kellu jingħata.

**7.** Fir-rigward tas-sitt paragrafu, l-esponenti jirrispondi li s-soċjeta' intimata għarfet lill-attur bil-pożizzjoni tagħha permezz tar-risposta datata 5 ta' Settembru 2012 hawn annessa (vera kopja tar-risposta għall-ittra uffiċjali ta' l-attur iddatata 13 ta' April 2012 hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok EIG10')".

Rat is-Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ottubru 2014 u kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Novembru 2020.

Rat is-Sentenza parzjali ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2023.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju 2023.

Rat l-Atti u dokumenti kollha tal-Kawża.

Semgħet ix-xhieda fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat li l-Kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

**1.** Din hija saga, li ilha għaddejja għal dawn l-aħħar ħdax-il sena, li tirrigwarda pretensjoni ta' ħlas da parti tal-Attur kontra is-Soċjeta' konvenuta konsistenti f'remunerzzzjoni, servizzi li rrenda u spejjes li inkorra fl-interess tas-Soċjeta' għall-perjodu li kien baqa' Direttur tas-Soċjeta' konvenuta. Fost oħrajn jinsisti li hu għandu paga ta' tletin elf ewro (€30,000) fis-sena u dan skont skrittura privata tal-1 ta' Jannar 2010. Jgħid li huwa għandu jieħu b'kollox sitta u għoxrin elf sebgħa mija u erbgħa u sebgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu tal-ewro (€26,774.21).

**2.** Dan l-ammont jikkonsisti fis-segwenti:

i. Ħdax-il elf mitejn u ħmistax il-ewro (€11,215) jirrapresentaw paga ta' tlett xhur minn Ġunju sa Awwissu 2010.

ii. Erbatax-il elf disgħa mija erbgħa u ħamsin ewro (€14,954) paga ta' tlett xhur bħala Managing Director għal xahrejn minn Settembru sa Ottubru 2010.

iii. Sitt mija u ħames ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€605.21) spejjes inkorsi mill-Attur bejn il-perjodu minn Ġunju sa Ottubru, u dan skond deċiżjoni tal-membri tal-Kumpanija tat-13 ta' Mejju 2010.

**3.** Bħala fatti importanti din il-Qorti tissenjala s-segwenti:

**4.** Michael Spiteri Bailey assuma l-funzjoni ta' stralċjarju tas-Soċjeta' konvenuta flok Brian Tonna (a' fol 168). Brian Tonna irriżenja fil-11 ta' Novembru 2020 (a' fol 165).

**5.** Micheal Spiteri Bailey jixhed, fuq mistoqsija tal-Qorti jekk l-Attur hux wieħed mill-kredituri u wieġeb li le u li qatt ma għamillhom talba biex jitħallas. Iżda jirrisulta ukoll, li l-Attur ma hux jiġi rikonoxxut għaliex il-likwidatur qiegħed isostni li dan kien parti mill-frodi u dwar liema fatt hemm kawżi pendenti (a' fol 169). Il-likwidatur Brian Tonna kien qal l-istess ħaġa (a' fol 147). B'dana kollu kull proċedura li kien hemm kontra l-Attur fl-Italja ġew arkivjati (ara a' fol 61). Dan ifisser li l-każ waqa' u ma jidhirx li qatt ittieħdu xi proċeduri kriminali kontra l-Attur f'Malta.

**6.** Jirrisulta ukoll, li fl-4 ta' Awwissu d-Ditta ta' Awditur Deloitte ġew maħtura bħala Amministraturi bil-fakultajiet imsemmija fl-artikoli 28(2)(b) u (2)(c) tal-Kap 403 tal-Liġijiet ta' Malta (a' fol 28) u kif ukoll bil-poteri wiesgħa kif elenkati fid-

dokument appositu (a' fol 28 u 29). Il-ħatra ta' din id-ditta baqgħet sakemm ġie maħtur Brian Tonna bħala Likwidatur (a. fol 32).

**7.** Hija ta' importanza partikolari r-riżenja tal-Attur minn dik ta "*Director, Chairman of the Board of Directors and Managing Director*" b'effett <u>mis-6 ta' Awwissu 2010</u> (a' fol 38).

**8.** Għalhekk dak li qiegħed jitlob l-Attur irid jitqies fid-dawl ta' dawn il-fatti.

*<u>Il-paga</u>*

**9.** Il-Qorti tibda biex tirrileva li t-talba qed tintalab abbażi tal-iskrittura tal-1 ta' Jannar 2010. Din l-iskrittura qatt ma ġiet esebita u ma saru ebda mistoqsijiet dwarha lill-istralċjarju Michael Spiteri Bailey dwarha.

**10.** L-Attur pero presenta xi FS3s tat-taxxa dwar flejjes li kien irċieva mingħand is-Soċjeta' konvenuta(a fol 4 sa 7). Għal dik li tkopri il-perjodu mill-1 ta' Marzu 2010 sal-5 ta' Awwisu 2010 l-ammont gross ta' *emoluments* mingħajr ma tissemma' paga, huwa dak ta' €18,692 (a' fol 4). Issa kieku huwa minnu li s-salarju gross kien ta' €30,000, kif wara kollox jgħid l-istess Attur, allura l-ammont li kellu jkun dovut huwa dak ta' €12,500 u cioe' €2500 fix-xahar. Għalhekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ammont fl-FS3 inkwistjoni ma jirreferix neċessarjament għal paga iżda xi ħaġa oħra.

**11.** Apparti dan, id-dokumenti l-oħrajn, ma jirreferux għal xi tip ta' paga jew salarju iżda biss *Directors Fees* (a' fol 5 sa 7). Għalhekk, abbażi ta' dawn id-diskrepanzi u fl-assenza tal-iskrittura msemmija sabiex din il-Qorti setgħet

tikkontrolla dak li qiegħed ikun mitlub, dan l-ammont ma hux aċċettat minn din il-Qorti li huwa dovut.

*Paga ta' Managing Director*

**12.** Jirrisulta ċar li l-Attur irriżenja minn din il-kariga b'effett mis-6 ta' Awwissu 2010. Mela mill-ewwel jidher, li għal perjodu li qiegħed jirriklama, l-Attur ma kienx għadu f'din il-kariga u kwindi ma kienx hemmm lok li jiġi remunerat għaldaqshekk. Di fatti, b'ittra uffiċjali tal-5 ta' Settembru 2012 tal-istralċjarju lill-Attur, dan il-fatt inġieb a' konjizzjoni tiegħu (a' fol 37). L-anqas ma l-Attur jgħid kif wasal għal din iċ-ċifra.

**13.** Apparti dan, kif diġa rilevat f'dan il-perjodu kien hemm diġa' Deloitte bħala Ammistraturi li ġew appunatati mir-regolatur abbażi tal-artikoli 28(2)(b) u (2)(c) tal-Kap 403 tal-liġijiet ta' Malta. Warajhom kien hemm l-istralċjarju. Daqqa t'għajn lejn dawn l-artikoli u l-ittra ta' ħatra jindikaw ċar li ma kienx hemm aktar il-ħtieġa ta' managing director li għalhekk l-Attur kien għadu jokkupa din il-kariga huwa inverosimili għall-aħħar, aktar u aktar meta jidher li l-istralċjarji kienu qegħdin jaddebitaw lill-Attur motivi ta' operazzjoni frawdolenti.

**14.** Għalhekk anke din it-talba ser tkun miċħuda.

*Spejjes li l-Attur għamel fl-interess tas-Soċjeta konvenuta'*

**15.** Dwar dawn l-ispejjes l-Attur jgħid li dawn għamilhom bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-membri tal-Kumpanija tat-13 ta' Mejju 2010. Dwar din id-deċiżjoni

ma nġiebet ebda prova. Meta xehed l-istralċjarju Michael Spiteri Bailey ma sarulu ebda mistoqsijiet dwar dan ir-rigward. Il-fatt li ġew esbiti d-dokumenti msemmija, il-Qorti ma tistax toqgħod fuq il-kelma tal-Attur daqs li kieku vanġelu u li dawn tassew jirrapresentaw spejjes li ġew inkorsi fl-interess tas-Soċjeta' konvenuta, partikularment meta dawn saru f'dati meta l-attur kien diġa' irriżenja minn kull kariga li kellu fis-Soċjeta' konvenuta. Dan l-infieq kollu sar wara s-6 ta' Awwissu 2010 u ċioe' d-data ta' riżenja.

**16.** Fl-aħħar nett jingħad li jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti Attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (Ara Sentenza tal-Qorti tal-**App. Inf. tat-12 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet Hans J. Link et -vs- Raymond Mercieca**).

**17.** Fil-fatt ġie ribadit li jekk il-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti Attriċi ma jfissirx li l-parti Attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka.

**18.** Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti Attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l pretensjonijiet tagħha (**Ara Sentenza tal-App. Inf. tas-7 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet Emanuel Ellul et -vs- Anthony Busuttil).** Huwa minħabba f'hekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova u dan skond kif jitolbu Artikoli

562 u 559 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Issa kif rajna, l-Attur f'żewġ okkażżjonijiet naqas li jressaq l-aħjar prova u cioe' l-iskrittura tal-1 ta' Jannar 2010 kwantu għal paga u d-deċiżjoni tal-membri tas-Soċjeta' konvenuta tat-13 ta' Mejju 2010 kwantu għall-ispejjes li l-Attur jgħid li għamel fl-interess tas-Soċjeta' konvenuta.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża billi **tiċħad it-talbiet Attriċi** fl-interita' tagħhom.

Spejjes a' karigu tal-Attur.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**